MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Numru. 27/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs
Salvatore Vella bin Joseph u Carmela nee' Muscat, imwieled fit-2 ta' Novembru, 1919 u residenti 9, Triq Papa Piju IX, Qala, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 53819(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Salvatore Vella li gie akkuzat talli nhar l-01.12.2006 ghal habta ta' 18:00 hrs waqt li kien fi Triq l-Indipendenza, Qala, Ghawdex:

1) volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied (Art 338 dd Kap 9);

2) aktar talli hebb b'bastun kontra l-persuna ta' Helen Vella mill-Qala, Ghawdex u kkagunalha feriti ta' natura hafifa skont kif iccertifika Dr. Teddy George Farrugia MD mic-Centru tas-Sahha r-Rabat, Ghawdex (Art 339 (1)(d), Art 215, Art 221(1) Kap 9);
3) u talli verbalment ingurja u hedded lil konjugi Joseph u Helen (Art 339 (1)(e) Kap 9);

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9.
Rat l-imputazzjonijiet;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Billi l-akkuza tirrizulta ppruvata illi l-imputat hebb ghall-kwerelanta b'bastun u anke ngurjaha u hedded kemm lilha u kif ukoll lil zewgha Joseph Vella, wara li rat l-Artikoli ndikati, il-Qorti ssib lill-imputat hati u fir-rigward tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi tikkundannah ammenda ta' hames liri Maltin (Lm5) ghal kull akkuza u multa ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) ghar-rigward tat-tieni (2) akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------